MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-26 ta' Frar, 2010

Appell Civili Numru. 421/2005/1

**Christopher Desira**

**vs**

**Gasan Enterprises Ltd**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta’ Novembru, 2009, il-Qorti Civili tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 ta’ Lulju tas-sena 2005 li permezz tieghu l-attur sejjah lis-socjeta` konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m’ghandhiex tkun ikkundannata:

1. Illi thallas u tirrifondi lill-attur is-somma ta' elfejn, mitejn u tmienja u tletin Lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (LM2,238.89,0), rapprezentanti hlas zejjed lilha effettwat u minnha mitlub u ricevut bhala "*first registration tax"* fuq vettura tal-ghamla Ford Transit Minibus, (numru tal-vettura 78123) minnha mibjugha lill-attur, liema hlas ta' *"first registration tax"* ma kienx dovut skont il-ligi;

2. Bl-ispejjez kollha u bl-imghax legali mis-27 ta' Jannar tas-sena 2004, sad-data tal-hlas, ossia r-rifuzjoni effttiva kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijet datata t-3 t'Awissu tas-sena 2005 li permezz taghha s-socjeta` konvenuta eccepiet is-segwenti:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, billi l-ebda ammont ma huwa dovut lill-attur mis-socjeta` eccipjenti, u dana billi l-istess attur qatt ma' gie mitlub li jhallas u lanqas ma' hallas l-ammont ta' elfejn mitejn u tmienja u tletin Lira Maltin u disgha u tmenin centezmu (LM2,238.89,0), bhala "*first registration tax"* fuq il-vettura tal-ghamla Ford Transit Minibus (numru tal-vettura 78123), kif huwa qed isostni, u dana kif gia` gie lilu ampjament spjegat tramite l-avukat tieghu, (vide Dok A), permezz ta' ittra datata 31 t'Awissu tas-sena 2004, u kif sejjer ukoll jerga` jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
2. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mil-ligi;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi meta f'Awissu tas-sena 2003 l-attur ried jixtri *minibus* ghazel li jmur ghand is-socjeta` konvenuta biex jinnegozja dan;

2. Illi bil-ghan li jigi nkorraggut l-uzu ta' vettura aktar eko-kompattibbli ittiehdet id-decizjoni ammonistrattiva biex min jixtri *minibus* gdida ma jhallasx taxxa ta' registrazzjoni fuqha biex b'hekk ikun jista` jissosstitwixxi l-*minibus* l-antika li jkollu;

3. Illi a bazi ta' kwotazzjoni lilu moghtija mis-socjeta` konvenuta, l-attur ghazel li jixtri l-*minibus* minn ghandhom u hallas depozitu ta' elf Lira Maltin, (LM1,000.00,0);

4. Illi ghalkemm l-attur gie imwieghed li l-*minibus* kien ser jirceviha fi zmien tlett (3) xhur, fil-fatt dam erba' (4) xhur ohra jistenniha sa ma waslet;

5. Illi meta effettwa l-pagamenti ghall-istess, inghata d-debita ricevuta li tindika li l-*minibus* kienet komplessivament tiswa hmistax-il elf tminn mija u erbgha u tmenin Lira Maltin, (LM15,884.00,0), li fih hemm indikat li hu nkluz l-ammont ta' elfejn mitejn u tmienja u tletin Lira Maltin u disgha u tmenin centezmu, (LM2,238.89,0), bhala taxxa ta' registrazzjoni, (ara fol 20);

6. Illi jirrizulta kif gia` gie indikat qabel, li bi ftehim ma l-organu governattiv kompetenti din it-taxxa kienet giet ezentata biex tagevola lil dan is-settur partikolari;

7. Illi nonostante dan l-attur jafferma li hallas l-ammont ta' erbatax-il elf tminn mija u erbgha u tmenin Lira Maltin (LM14,884.00,0), kif jidher mill-

ircevuta a fol 21, liema ammont jinkludi it-taxxa in dizamina kif ukoll jidher mid-Dokument ta' Registrazzjoni ta' vettura, (ara fol 22);

8. Illi ghalhekk l-attur qed isostni li l-ammont ta' taxxa ta' registrazzjoni li hu hallas lis-socjeta` konvenuta ma kienx lilha dovut u konsegwentement intavola din il-procedura biex jigi rifuz lilu l-ammont indebitament imhallas lill-istess socjeta` konvenuta;

Ikkunsidrat;

Illi l-fatti skont is-socjeta` konvenuta pero` jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi hu minnu li t-taxxa ta' registrazzjoni ghal din it-tip ta' vettura kienet giet ezentata mill-awtoritajiet kompetenti;

2. Illi l-*minibus* tal-attur kienet tiswa hmistax-il elf, tminn mija u erbgha u tmenin Lira Maltin, (LM15,884.00,0);

3. Illi t-taxxa ta' registrazzjoni taghha thallset mis-socjeta` konvenuta, (ara fol 84);

4. Illi skont l-istess socjeta` konvenuta l-*minibus* in dizamina qamitilha ghaxart elef, mija u erbgha u disghin Lira Maltin, (LM10,194.00,0), (ara fol 86);

5. Illi ma' dan il-prezz jizdid il-prezz tal-garr; "*insurance";* taxi lokali u profitti u konsegwentement il-prezz finali tal-vettura gie jiswa sittax-il elf, disa' mija u erbgha u tmenin Lira Maltin, (LM16,984.00,0), (ara fol 87);

6. Illi l-prezz attwali tal-vettura – eskluz l-ammont li suppost thallas ghat-taxxa ta' registrazzjoni kien jammonta ghall-hmistax-il elf, tminn mija u erbgha u tmenin Lira Maltin, (LM15,884.00,0), (ara fol 87

u 91), liema prezz hu l-istess li s-socjeta` konvenuta ikkwotat lill-Kooperattiva tal-Minibuses;

7. Illi ghalhekk l-ammont mitlub mis-socjeta` konvenuta lill-attur hu dak li jirrifletti l-prezz dovut ghall-*minibus* li l-attur xtara minghandha u ma jinkludix l-ammont ta' taxxa in kwistjoni;

8. Illi ghalhekk is-socjeta` konvenuta m'ghandha taghti xejn lill-attur;

Ikkunsidrat:

Illi ghandu jkun pacifiku li d-dokumentazzjoni li s-socjeta` konvenuta ghaddiet lill-attur f'dan in-negozju ta' bejniethom hi pjuttost konfuza;

Illi din il-konfuzjoni dokumentarja hi l-bazi tad-disgwid li qam bejn il-partijiet;

Illi minn ezami akkurat tad-dokumentazzjoniipprezentata jirrizulta li fl-ammont finalment mitlub mis-socjeta` konvenuta ghall-*minibus* in dizamina, l-ammont tat-taxxa de quo ma jiffigurax fil-kont finali ghalkemm gie ndikat diversi drabi fl-istess dokumentazzjoni li hi pprovdiet lill-attur;

Illi dan id-dizgwid pero` gie rimedjat tempestivament meta permezz ta' ittra datata il-31 t'Awissu tas-sena 2004 l-istess socjeta` konvenuta spjegat dan id-dizgwid b'mod car li seta' facilment evita l-procedura odjerna;

Ghaldaqstant, din il-qorti filwaqt li tirrespingi t-talbiet attrici, takkolji l-eccezzjonijiet sollevati mis-socjeta` konvenuta bl-ispejjez."

L-attur hassu aggravat b'din is-sentenza u appella minnha lil din il-Qorti bl-invit li jigi sindikat l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti:-

Anke f'dan l-istadju l-appellanti jissokta jinsisti bhala punt ta' fatt illi meta xtara l-minibus minghand is-socjeta` konvenuta l-prezz kien komprensiv tas-somma ta' Lm2238.89, taxxa ta' registrazzjoni meta din, skond il-ftehim bejn il-Gvern u l-Koperativa tal-Minibuses, kienet ezentata, tant li s-socjeta` konvenuta rceviet ir-rifuzjoni taghha minghand l-Awtorita` kompetenti. In vista ta' dan l-appellanti jissottometti bhala punt ta' dritt illi l-kumpanija konvenuta arrikkiet ruhha indebitament b'dannu u b'detriment ghalih;

Il-Qorti rriezaminat il-materjal probatorju u hi tal-fehma illi c-censura rivolta mill-appellanti, fis-sens li l-ewwel Qorti tat aktar piz lill-konsiderazzjonijiet sekondarji u incidentali filwaqt li skartat il-punt sostenut minnu, mhix meritevoli ta' akkoljiment. Fir-rigward, il-Qorti taghmel ir-riljevi segwenti:-

1. Huwa mill-ewwel car illi l-appellanti jirpoza l-assunt kollu tieghu ghat-talba minnu proposta bl-azzjoni fuq il-bazi tas-sales invoice (fol. 20) u tad-dikjarazzjoni fil-log book (fol. 22) li juru l-figura ta' Lm2238.89 ghal Registration Tax. Huwa fuq l-istregwa ta' dawn id-dokumenti li l-appellanti allura jippretendi li fil-prezz totali minnu mhallas (Lm15,884) kien hemm inkluz din it-taxxa li hu qed jirreklama lura. Ara xhieda tieghu a fol. 109;

(2) Ikollu jinghad illi din ir-ri-elaborazzjoni personali mill-appellanti tal-provi, alkwantu parzjali, ma tistax takkwista l-grad ta' dak il-konvinciment mill-Qorti meta raffrontata ma' l-elementi komplessivi tal-provi. Dan qed jigi rilevat mhux tant b'referenza ghad-dikjarazzjonijiet tad-diversi xhieda prodotti mill-kumpanija appellata – ara, ad ezempju, id-deposizzjoni ta' George Abela (fol. 84), Anthony Cassar (fol. 86) u Ivan Grech (fol. 99) – u li lkoll stqarru li fil-prezz pattwit ma kienet inkluza ebda taxxa bhal dik, daqskemm fuq is-sostenn tad-dokument CD1 (fol. 16) u dak l-iehor a fol. 138 li jistabilixxu l-*quotation* ta' Lm15480 ghal Transit 17-Seater mini van. Fl-ebda

wiehed minn dawn id-dokumenti ma tikkonfigura l-figura ta’ Lm2238.89 relattiva ghal Registration Tax;

(3) Akkoppjat ma’ dan hemm imbaghad l-ispjegazzjoni supplita mix-xhud William Shaw (fol. 107), Managing Director tas-socjeta` konvenuta fejn, b’referenza ghad-dokumenti li fuqhom l-attur jikkampa t-tezi tieghu, jiddikjara testwalment illi “li gara fil-kaz partikolari kien illi l-iskrivan taghna meta gie biex jimla d-dettalji, peress illi l-pajjizi kollha jhallsu t-taxxa ta’ registrazzjoni, f’dan il-kaz nizzel ukoll din it-taxxa, pero` nixtieq niehu l-opportunita` ninforma lill-Qorti illi meta gejna biex nithallsu ghall-vettura in disamina, is-socjeta` konvenuta ma zammetx il-flus minghand l-attur li huwa relattiv ghall-hlas tat-taxxa ta’ registrazzjoni hemm indikata”;

(4) Dan kollu jidher li kien fil-*forma mentis* ta’ l-ewwel Qorti meta giet biex tevalwa l-fatti u taghmel id-deliberazzjoni taghha dwarhom. Certament, imbaghad, ma setax jonqos ukoll illi fost l-elementi utilizzati ghad-decizjoni taghha dik l-istess Qorti ssib korroborazzjoni mill-ispjegazzjonijiet agguntivi li jinzlu sew mix-xhieda ta’ Anthony Cassar, Sales Manager tas-socjeta` konvenuta (fol. 87) kif ukoll mill-ittra tal-31 ta’ Awissu 2004 (fol. 5) mibghuta lill-Avukat ta’ l-attur mill-konsulent legali tal-kumpanija konvenuta, u f’liema spjegazzjonijiet jinsabu dettaljati l-elementi tal-prezz;

(5) Fil-kumpless unitarju tar-rizultanzi processwali ma tistax legittimament tigi sostenuta l-kritika ta’ l-appellanti illi s-sintesi maghmula mill-ewwel Qorti hi nieqsa minn logika jew koerenza mal-provi utilizzati. Minn dan il-punto di vista purament fattwali l-aggravju mhux sostenut u qed jitqies infondat;

Jekk trid il-Qorti tista’ tieqaf hawn. B’danakollu thoss li ghandha tindirizza wkoll l-impressjoni zbaljata ta’ l-ipotesi tad-dritt ghal liema jirrikorri l-appellanti biex jissorreggi t-talba tieghu;

Id-dritt ghar-restituzzjoni minhabba arrikkiment indebitu hu fl-ordinament guridiku taghna espress statutorjament fl-Artikoli 1028A u 1028B tal-Kodici Civili. Kombinati flimkien ghandu jirrizulta illi l-presupposti ta' l-arrikkiment jinkludu (i) l-arrikkiment ingustifikat, (ii) id-dannu, (iii) ir-rabta bejn id-dannu u l-arrikkiment, (iv) in-nuqqas ta' gusta kawza, u (v) il-mankanza ta' xi azzjoni ohra stabbilita mil-ligi;

Ukoll fiz-zmien meta l-imsemmija disposizzjonijiet ma kienux ghadhom dahhlu biex jifformaw parti mill-Kodici Civili, il-Qrati taghna kienu jitkellmu f'termini illi ghall-applikazzjoni ta' l-arrikkiment ingust id-danneggjat ma riedx ikollu ghad-disposizzjoni tieghu l-azzjoni kontrattwali u lanqas ir-rimedju akwiljan naxxenti minn xi fatt illecitu. Ukoll, lanqas ir-rimedju tar-ripetizzjoni tipika tal-pagament indebitu. Dan ghaliex, skond l-istess kazistika tal-Qrati taghna, dak l-arrikkiment *sine causa* kien meqjus bhala fonti *per se* ta' obbligazzjoni, produttiva ghaf-favur tal-persuna impoverita ta' jedd ghall-indenniz ta' dik id-diminuzzjoni li hu jkun bata fil-patrimonju tieghu. Kien jinghad, allura, illi l-azzjoni relattiva ta' l-arrikkiment kienet wahda residwali u sussidjarja predisposta ghall-harsien ta' min issubixxa pregudizzju ghal liema ma kellux rimedju iehor. Ara, fost bosta ohrajn, "**Rocco Bugeja -vs- George Micallef**", Qorti tal-Kummerc, 16 ta' Marzu, 1950, "**Anthony Falzon *nomine* -vs- Prof. Joseph H. Xuereb *nomine***", Appell Inferjuri, 20 ta' Novembru, 1954 u "**Blye Engineering Co Ltd -vs- Victor Balzan *et***", Appell Inferjuri, 23 ta' Gunju, 2004;

Il-kaz prezenti ma jistax jigi kazellat f'din il-kategorija ghaliex bejn il-partijiet intervjena kuntratt ta' komprovendita u dan igib illi, strettament, il-fattispeci ma jistax ikun karatterizzat minn wahda ta' pretiza ta' restituzzjoni minhabba arrikkiment ingustifikat. Li jfisser, b'konsegwenza, illi l-bazi tad-dritt sottomess mill-appellanti lanqas ma jregi gjaladarba ma jinkwadrax ruhu

fil-previzjoni esplicita tal-precitati disposizzjonijiet tal-Kodici Civili u tal-gurisprudenza enuncjata.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta’ din il-procedura jitbatew mill-attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------